Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TLIETA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2013

**Ħin:** Mill-5pm sas-19.15pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal–Wieħed u Għoxrin u Tnejn u Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Għoxrin ad hoc ta' nhar il-Ħamis 11 ta' April 2013 u t-Tnejn u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' April 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu ma' l-Avukat tal-Kunsill fuq il-kwistjoni taz-zuntier tal-Knisja. Il-Viċi Sindku qal li kien kellem lill-Kappillan u ftiehmu li jirranġaw iz-zuntier eżistenti u dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku talab biex isiru r-rondi mill-wardens fl-inħawi ta' Old Railway Road peress li ta' kuljum qed ikun hemm konġestjoni sħiħa fit-triq minħabba x-xogħolijiet li għaddejjin fi Triq Birbal fuq il-proġett tan-National Flood Relief Project.

3. **Finanzi**

   a) **Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Jannar sa Marzu 2013**.

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Jannar sa

Marzu (mehmuż)

Is- Segretarju ta l-kummenti tiegħu fuq dan ir-rapport. Huwa qal li minn dan ir-rapport jidher li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija tajba u li l-Kunsill qiegħed fid-direzzjoni t-tajba ta' kif jintefqu l-flus. Huwa importanti li sakemm jitlesta' l-proġett tal-pjazza ma jsiru ebda commitments.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Jannar sa Marzu 2013 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**b) Allokazzjoni Finanzjarja 2013**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għal-din is-sena hija ta'€ fejn kien hemm tnaqqis fuq tas-sena l-oħra pero' dawn il-flus ġew imnaqqsa mit-*tipping fees* li jingħataw lill-Wasteserv Malta Ltd u għalhekk ma effetwax l-operat tal-Kunsill.

**c) Approvazzjoni tal-Ħlasijiet**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-15 ta' Mejju 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 12911.89.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur S.Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur G. Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 4. Aġġudikazzjoni ta' Offerti – C.A. 1/13 " *Servizzi ta' Perit mal-Kunsill Lokali*"- Aġġudikazzjoni tal-Kuntratt

Il-Kunsill dehrlu li għandha issir short-listing ta' dawk li ssottomettew l-applikazzjoni fejn wara li saret evalwazzjoni ntgħazlu l-Perit Diter Falzon u lill-Building and Design Resources Ltd.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jiktbilhom u jiltaqgħu mal-Bord tal-Evalwazzjoni għal aktar tagħrif qabel ma ssir l-għażla finali.

## 5. Street Lighting Database

Saret laqgħa mad-Diretturi tal-Kumpanija Lornit fejn kienu qed joffru s-servizzi ta' street lighting database biex isir kontroll aħjar tal-lampi tad-dawl eżistenti ġewwa il-lokalita' ta' Ħal Balzan. Prezenti għal din il-laqgħa kien hemm d-Direttur tal-Kumpanija s-Sur Stephen Zammit fejn ta d-dettalji ta' din s-sistema. Il-Kunsill approva li jsir dan il-proġett.

## 6. Proġett ERDF 205- Progress Report u Heritage Map

Is-Segretarju ta' aġġornament tax-xogħolijiet mibgħuta mill-Project Administrator, s-Sur Mark Causon fejn sas-27 ta' Mejju għandha titlesta l-fażi preżenti u jibda x-xoghol fuq l-aħħar fażi tal-proġett li għandu jitlesta sa' l-aħħar ta' Ġunju.

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda kopja *draft* tal-Heritage Map biex tiġi approvata qabel ma tmur għall-istampar. Il-Kunsilliera taw il-veduti tagħhom u għandhom isiru xi arranġamenti minuri. Il-mappa ġiet approvata mill-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lill-entitajiet u stabbilimenti kummerċjali biex il-

Kunsill jara li min hu interessat biex issir l-inawgurazzjoni tal-*Heritage Trail.*

**7. Korrispondenza**

Talba mill-Ministeru għall-Energija biex jitwaħħal arblu tad-dawl fi Triq Idmejda quddiem il-Melita Gardens. Is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera S. Gatt u G. Borg staqsew lis-Segretarju fejn eżatt ser jitwaħħal dan l-arblu għaliex fil-fehma tagħhom hemm diġa' dawl bizzejjed f'dawn l-inħawi.

Is-Segretarju wieġeb li ma ġiex indikat lilu f'din l-email. Huwa qabel il-laqgħa kien bagħat jinforma l-*customer care* tal-Ministeru biex jekk jista' jkun jibgħat pjanta ta' fejn ser jitwaħħal dan l-arblu pero' ma kellux risposta. Il-Kunsillier D.Zammit Marmara saqsa għalfejn qed tinqala problema fuq din l-issue meta hija ħaġa tajba li jkun hemm aktar dawl. Is-Sindku wieġeb li huwa ma jsibx problema li titwaħħal imma għallinqas jiġi mgħarraf bit-dettalji kollha u mhux sempliċement ser jitwaħħal arblu u daqshekk, fi Triq li taqa' taħt il-Kunsill. Is-Segretarju għandu jibgħat reminder oħra għal-laqgħa li jmiss.

Talba mingħand Transport Malta biex tingħalaq Triq Birbal minħabba x-xogħol fuq il-Proġett tan-National Flood Releif. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni basta jiġu nfurmati l-Arriva u jkun hemm pjan sew ta' devjazzjoni tat-traffiku.

Transport Malta bgħatu l-approvazzjoni tagħhom lill-Kunsill biex Triq Sisner kantuniera ma' Triq Idmejda tiġi *One Way* bi prova għal xahar.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**8. Rapport dwar l-Ilmenti**

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

**9. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jirringrazzja l-ħaddiema tal-Kunsill tax-xogħol tajjeb li għamlu fil-*garage* li jinsab fi Triq it-Tlett Knejjes u li qed jintuża mill-Kunsill biex jinżammu l-għodda, tabelli kif ukoll materjal li jintuża għax-xogolijiet fit-toroq tal-lokalita'

**10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sur Guido Borg saqsa fuq il-permess li kien ħareġ biex jittella' monument fil-pjazza ħdejn l-arblu. Is-Segretarju wieġeb li kienet saret it-talba qabel ma tfassal il-proġett tat-tisbieħ tal-pjazza ERDF 205, is-Sindku pero' wieġeb li wara li jitlesta l-proġett għandu jsir xi tip ta' monument.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara saqsa dwar il-ħinijiet li jaħdmu l-ħaddiema fuq il-proġett tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li fil-kuntratt ta' Camray m'hemmx stabbiliti l-ħinijiet. Li hemm żgur stabbilit fil-kuntratt hu li jekk il-proġett ma jitlestix sa l-aħħar ta' Ġunju, il-Kuntrattur jibda' jeħel il-penali.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara infurma lill-Kunsill li n-newsletter li jmiss ser tiġi ppubblikata f'Settembru fejn ser ikun fiħ aktar materjal interessanti u aktar mżewwaq.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2013 fil-5pm.

______________________

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

______________________

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

______________________

Data